MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 567/2006

**Volksbank Malta Limited (C 30432)**

**vs**

**Middle East Consulting Services Limited (C 7960), debitur principali, l-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno nominati b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-4 ta' Mejju 2006 sabiex jirraprezentaw lill-eredi mhux maghrufa ta' Alfred Apps, Carmen Apps, Pierre Lanzon u Maria Dolores sive Doris Lanzon, Charlot Lanzon u Giovanna D'Arco sive Joan Lanzon, John Lanzon u Antoinette Lanzon, garanti solidali u b'digriet tal-25 ta' Settembru 2006, gew nominati l-Avukat Dottor Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lill-Middle East Consulting Services Limited; u b'digriet tal-Qorti tal-1 ta' Novembru 2007, Doreen Cauchi giet nominata bhala kuratur tal-Middle East Consulting Services Limited, in sostituzzjoni tal-kuraturi attwali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Volksbank Malta Limited, li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta' Middle East Consulting Services Limited hija debitrici tal-Bank attur fl-ammont fl-ekwivalenti fi flus Maltin ta' sitt mija u wiehed u tmenin elf u sebgha u hamsin Dollaru Amerikan u tmienja u sebghin centezmu (USD681,057.78) dovuti lill-istess Bank in kwantu ghal USD680,000 kapital fil-kont kurrent (Overdraft Account – Account no. 400053) u l-bilanc ta' USD1,057.78 imghax fuq l-istess ammont sal-31 ta' Mejju 2006 kif jidher mill-istatement hawn anness u mmarkat Dok. A1 – A2;

Is-socjeta' Middle East Consulting Services Limited hija debitrici tal-Bank attur fl-ammont fl-ekwivalenti fi flus Maltin ta' mija u disgha u tletin elf u erbgha u erbghin Dollaru Amerikan u tmenin centezmu (USD139,044.80) dovuti lill-istess Bank in kwantu ghal USD138,859.65 kapital fil-kont kurrent (Overdraft Account – Account no. 4040011700) u l-bilanc ta' USD185.15 imghax fuq l-istess ammont sal-31 ta' Mejju 2006 kif jidher mill-istatements hawn annessi u mmarkati Dok. B1 – B49 u Dok. C1;

L-ammont totali f'Dollari Amerikani ta' tmien mija u ghoxrin elf u mija u tnejn Dollari Amerikani u tmienja u hamsin centezmu (USD820,102.58) huma dovuti in kwantu ghal USD818,859.65 bilanc minn somma akbar lilha mislufa skond att tan-Nutar Angelo Vella tas-17 ta' Dicembru 2003 (Dok. D) u Credit Agreement tas-16 ta' Dicembru 2003 (Dok. E) u USD1,242.93 imghax fuq l-istess ammont sal-31 ta' Mejju 2006;

Is-socjeta' Middle East Consulting Services Limited hija ukoll debitrici tal-Bank attur fl-ammont fl-ekwivalenti fi flus Maltin ta' erba' mija u tlieta u ghoxrin elf, erba' mija u disgha u sebghin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (EUR423,479.83) dovuti lill-istess Bank in kwantu ghal EUR422,539.52 bilanc fil-kont kurrent (Overdraft Account

– Account no. 4040011721) u l-bilanc ta’ EUR940.31 imghax fuq l-istess ammont sal-31 ta’ Mejju 2006 kif jidher mill-istatements hawn annessi u mmarkati Dok. F1 – F2 u G1, liema ammont huwa dovut wara sejha fuq garanziji bankarji mahruga mill-Bank attur ghan-nom tas-socjeta’ Middle East Consulting Services Limited (Dok. H – L);

Ghalhekk, is-socjeta’ konvenuta Middle East Consulting Services Limited hija debitrici lejn il-Bank attur fl-ammonti globali fl-ekwivalenti fi flus Maltin ta’ tmien mija u ghoxrin elf u mija u tnejn Dollari Amerikani u tmienja u hamsin centezmu (USD820,102.58) rapprezentanti in kwantu ghal USD818,859.65 kapital u l-bilanc ta’ USD1,242.93 imghax fuq l-istess kapital sal-31 ta’ Mejju 2006 kif qabel spjegat kif ukoll fl-ammont fl-ekwivalenti fi flus Maltin ta’ erba’ mija u tlieta u ghoxrin elf, erba’ mija u disgha u sebghin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (EUR423,479.83) rapprezentanti in kwantu ghal EUR422,539.52 kapital u l-bilanc ta’ EUR940.31 imghax fuq l-istess kapital sal-31 ta’ Mejju 2006 kif qabel spjegat;

Il-mejjet Alfred Apps u l-konvenuta Carmen Apps ikkostitwew ruhhom garanti solidali mal-imsemmija kumpanija debitrici principali u mal-garanti l-ohra favur il-Bank attur sal-ammont ta’ disa’ mija u tmint elef Dollaru Amerikan (USD 908,000), oltre l-imghaxijiet legali fuq l-imsemmi ammont mill-20 ta’ Settembru 2005, kif jidher mill-Guarantee Form hawn annessa u mmarkata Dok. M, kif ukoll mill-kuntratt tan-Nutar Angelo Vella fuq imsemmi (Dok. D);

Il-konvenuti Pierre u Maria Dolores sive Doris konjugi Lanzon ikkostitwew ruhhom garanti solidali mal-imsemmija kumpanija debitrici principali u mal-garanti l-ohra favur il-Bank attur sal-ammont ta’ disa’ mija u tmint elef Dollaru Amerikan (USD908,000), oltre l-imghaxijiet legali fuq l-imsemmi ammont mill-20 ta’ Settembru 2005, kif jidher mill-Guarantee Form hawn annessa u mmarkata Dok. N, kif ukoll mill-kuntratt tan-Nutar Angelo Vella fuq imsemmi (Dok. D);

Il-konvenuti Charlot u Giovanna D'Arco sive Joan konjugi Lanzon ikkostitwew ruhhom garanti solidali mal-imsemmija kumpanija debitrici principali u mal-garanti l-ohra favur il-Bank attur sal-ammont ta' disa' mija u tmint elef Dollaru Amerikan (USD908,000), oltre l-imghaxijiet legali fuq l-imsemmi ammont mill-20 ta' Settembru 2005, kif jidher mill-Guarantee Form hawn annessa u mmarkata Dok. O, kif ukoll mill-kuntratt tan-Nutar Angelo Vella fuq imsemmi (Dok. D);

Il-konvenuti John u Antoinette konjugi Lanzon ikkostitwew ruhhom garanti solidali mal-imsemmija kumpanija debitrici principali u mal-garanti l-ohra favur il-Bank attur sal-ammont ta' disa' mija u tmint elef Dollaru Amerikan (USD908,000), oltre l-imghaxijiet legali fuq l-imsemmi ammont mill-20 ta' Settembru 2005, kif jidher mill-Guarantee Form hawn annessa u mmarkata Dok. P, kif ukoll mill-kuntratt tan-Nutar Angelo Vella fuq imsemmi (Dok. D);

Il-konvenuti, ghalkemm interpellati ghall-hlas (Dok. Q – U) baqghu inadempjenti.

Il-kreditu tal-Bank attur fis-somom fl-ekwivalenti fi flus Maltin ta' USD820,102.58 u EUR423,479.83 hu cert, likwidu u esigibbli u sa fejn jaf il-Bank attur, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba tieghu ghall-hlas ta' dawk is-somom kif jidher mill-affidavit ta' Joseph Bugelli, ir-rapprezentant tal-Bank attur, hawn anness Dok. X.

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tal-Bank attur bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-artikoli 167-170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

Hekk tikkundanna minnufih lis-socjeta' konvenuta Middle East Consulting Services Limited thallas lill-istess Bank attur, is-somom globali fl-ekwivalenti fi flus Maltin ta'

USD820,102.58 u EUR423,479.83 fuq imsemmija dovuti kif intqal fuq;

Hekk tikkundanna ukoll minnufih lill-konvenuti l-ohra kollha, l-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno, nominati b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-4 ta' Mejju 2006 sabiex jirraprezentaw lill-eredi mhux maghrufa ta' Alfred Apps, Carmen Apps, Pierre u Maria Dolores sive Doris konjugi Lanzon, Charlot u Giovanna D'Arco sive Joan konjugi Lanzon, u John u Antoinette konjugi Lanzon, garanti solidali, solidali bejniethom u mas-socjeta' konvenuta Middle East Consulting Services Limited, ihallsu lill-istess Bank attur, is-somma fl-ekwivalenti fi flus Maltin ta' USD908,000, rapprezentanti l-ammont minnhom garantit formanti parti mis-somom globali ta' USD820,102.58 u EUR423,479.83 fuq imsemmija u dovuti kif intqal fuq.

Bl-imghax legali fuq l-imsemmija somom kapitali ta' USD818,859.65 u EUR422,539.52 kontra s-socjeta' debitrici principali mill-1 ta' Gunju 2006, bl-imghax legali fuq is-somma ta' USD908,000 kontra l-garanti solidali kollha mill-20 ta' Settembru 2005, u dan kollu sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kontra l-konvenuti inkluzi tal-ittri ufficjali tal-24 ta' Marzu 2006 u tal-mandati ta' sekwestru, qbid, deskrizzjoni u inibizzjoni prezentati kontestwalment, u l-konvenuti huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet tal-25 ta' Settembru 2006, li in forza tieghu gew nominati Dr. Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja biex jirraprezentaw lil Middle East Consulting Services Limited.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-1 ta' Novembru 2007, li permezz tieghu giet mahtura Doreen Cauchi bhala kuratur tal-imsemmija socjeta' minflok il-fuq imsemmija kuraturi.

Rat ir-risposta ta' Dr. Patrick Valentino u l-P.L. Victor Bugeja fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati nominati b'digriet tal-25 ta' Settembru 2006 sabiex jirraprezentaw lil

Middle East Consulting Services Limited, li in forza taghha eccepew illi:

F'dan l-istadju huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza billi sa issa ghadhom ma kkomunikawx mal-assenti minnhom rapprezentati u ghalhekk, bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti, jirrizervaw id-dritt illi jipprezentaw, fi stadju ulterjuri, risposta u lista tax-xhieda, jekk ikun il-kaz.

Rat ir-risposta ta' Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno, li in forza taghha eccepew illi:

L-esponenti m'humiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jissottomettu risposta ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimati Pierre Lanzon, Maria Dolores sive Doris Lanzon, Charlot Lanzon, Giovanna D'Arco sive Joan Lanzon, John Lanzon u Antoinette Lanzon, li permezz taghha eccepew illi:

Fl-ewwel lok, l-ammont kif pretiz fir-rikors guramentat fil-konfront tal-esponenti, u anke kif mitlub permezz tal-ittri ufficjali kollha mibghuta mis-socjeta' rikorrenti lill-esponenti (Dok. S, Dok. T u Dok. U), u cioe' s-somma ekwivalenti fi flus Maltin ta' USD908,000 huwa eccessiv in kwantu l-garanziji personali ffirmati mill-esponenti (Dok. N, Dok. O, Dok. P) jindikaw bic-car illi huma ma obbligawx ruhhom li jhallsu tali ammont, izda jindikaw illi l-ammont minnhom dovut m'ghandux jeccedi s-somma ta' USD908,000. Fil-fatt, l-esponenti obbligaw ruhhom, permezz tal-garanziji msemmija u tal-kuntratt immarkat bhala Dok. D, illi jiggarantixxu l-ammont kollu dovut mid-debitur principali, u cioe' Middle East Consulting Services Limited, liema ammont huwa ferm anqas mill-ammont pretiz fil-konfront tal-esponenti. Ghaldaqstant, in vista ukoll tal-artikolu 1927 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ammont mitlub mis-socjeta' rikorrenti fil-konfront tal-esponenti ghandu jigi ridott;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mis-socjeta' rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huwa

eccessiv, in kwantu l-esponenti huma garanti tas-socjeta' Middle East Consulting Services Limited limitatament fir-rigward tal-ammont dovut fl-imsemmi kuntratt immarkat bhala Dok. D flimkien mal-garanziji personali rispettivi (Dok. N, Dok. O, Dok. P), u dan kuntrarjament ghal dak allegat mis-socjeta' rikorrenti fit-tielet talba attrici illi l-esponenti huma ukoll garanti ghall-ammont dovut mis-socjeta' Middle East Consulting Services Limited fir-rigward tal-ammont ekwivalenti flus Maltin ta' EUR423,479.83 dovuti lis-socjeta' rikorrenti in konnessjoni mal-kont kurrent bin-numru 4040011721. Ghaldaqstant, in vista ukoll tal-artikolu 1929 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ammont mitlub mis-socjeta' rikorrenti fil-konfront tal-esponenti ghandu jigi ridott;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mis-socjeta' rikorrenti fil-konfront tal-esponenti huwa eccessiv stante illi mid-data tal-iffirmar tal-garanziji personali da parte tal-esponenti, saru diversi pagamenti lis-socjeta' rikorrenti mis-socjeta' intimata Middle East Consulting Services Limited, inkluz pagamenti mir-rikavat tal-bejgh ta' poloz u ishma mirhuna favur is-socjeta' rikorrenti, liema pagamenti ma gewx ikkreditati b'mod ekwu u gust jew skond il-ligi in kwantu gew distribwiti fil-kontijiet bankarji kollha f'isem is-socjeta' Middle East Consulting Services Limited, inkluz il-kont bin-numru 4040011721 fil-konfront ta' liema l-esponenti m'humiex obbligati bhala garanti. Ghaldaqstant, in vista tal-artikolu 1171(d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ammont mitlub mis-socjeta' rikorrenti fil-konfront tal-esponenti ghandu jigi ridott;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' rikorrenti trid tipprova illi l-ammont pretiz huwa dovut;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' rikorrenti ghandha tipprova illi l-imghax inhadem b'mod semplici u mhux b'mod kompost u li fl-ebda mument ma gie impost imghax b'rata oghla minn dik stabbilita fil-ligi. Ghaldaqstant, kwalunkwe imghax mhux dovut ghandu jigi ridott mill-ammont pretiz;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat in-nota ta' Volksbank Limited li biha ccedi l-kawza fil-konfront BISS tal-garanti solidali l-eredi mhux maghrufa ta' Alfred Apps, Carmen Apps, Pierre Lanzon u Maria Dolores sive Doris Lanzon, Charlot Lanzon u Giovanna D'Arco sive Joan Lanzon u John Lanzon u Antoinette Lanzon, mentri zzomm it-talbiet kollha fil-konfront tad-debitur principali Middle East Consulting Services Limited kif dedotta fir-rikors surreferit fermi, salvi u integri, b'dan li kull parti ghandha tbati l-ispejjez u drittijiet gudizzjarji taghha mentri l-konvenuta Carmen Apps ghandha tbati l-ispejjez u drittijiet gudizzjarji tal-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno nominati b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tal-4 ta' Mejju 2006 sabiex jirraprezentaw lill-eredi mhux maghrufa ta' Alfred Apps, skond ftehim bejn il-partijiet koncernati u msemmija aktar 'il fuq.

Rat in-nota tal-Bank rikorrenti a fol. 166 tal-process li permezz taghha, it-talba tal-istess bank giet ridotta ghas-somma globali ta' €422,318.54.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Fic-cirkostanzi, peress illi t-talba tinsab pruvata u misthoqqa, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba u tikkundanna lil Middle East Consulting Services Limited thallas lil Volksbank Limited is-somma ta' erba' mija u tnejn u ghoxrin elf, tlett mija u tmintax-il Ewro u erbgha u hamsin centezmu (€422,318.54), bl-imghax mill-31 ta' Mejju 2008.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu mis-socjeta' konvenuta, b'dana pero' illi l-konvenuta Carmen Apps tbati l-ispejjez u drittijiet gudizzjarji tal-kuraturi deputati Dr. Martin Fenech u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------